MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2011

Numru 972/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**MARCUS JOHN CALLEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Marcus John Calleja ta’ 37 sena, iben Carmel u Carmen nee Fenech, mwieled Attard fil-11 ta’ Ottubru 1972, residenti gewwa 31, “Eileen” Flat 1, Wied Hal Balzan, Balzan u detentur tal-karta ta’ identita’ bin-numru 500872M

Gie akkuzat talli gewwa il-Belt Valletta, nhar it-18 ta’ Settembru, 2010, ghal habta tat-tmienja neqsin kwart ta’ filghodu (07:45a.m.), flimkien ma persuni ohra mhux

maghrufa, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' reat ta' serq minn gewwa l-hanut 'Frank Zampa Jewellery' sitwat fi Triq Santa Lucija, il-Belt Valletta, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Eur 2329.37), u bil-vjolenza fuq il-persuna ta' Francesco Zampa (ta' 79 sena), peruna li ghalqet l-eta' ta' sittin sena;

U aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill hati, arresta, zamm jew issekwestra lill xi persuna, u cioe' lill Francesco Zampa mill-Belt Valletta kontra l-volonta' tieghu, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma, jew issekwestrata, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt;
Ukoll, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fix-xhur ta' qabel, fil-Belt Valletta u f'diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Francesco Zampa f'periklu car, ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Francesco Zampa li ghandu l-fuq minn sittin sena u liema offiza giet maghmula b'arma regulari;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taqbez mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u li saret ghad-detriment ta' l-istess Francesco Zampa;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra is-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involantarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew hsara fil-propjeta (minbarra hsara involontarja fil-propjeta);

U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 18 ta' Lulju, 2011 u nnutat li l-imputat Marcus John Calleja m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.
Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Daniel Zammit u l-Ispettur Joseph Mercieca ghall-Prosekuzzjoni u Dr Chris Cardona ghall-imputat iddikjaraw li huma konsapevoli li l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz mid-droga.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Daniel Zammit u l-Ispettur Joseph

Mercieca ghall-Prosekuzzjoni iddikjaraw li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 86, 87(1)(c) u (e), 214, 215, 217, 218(1)(b), 222A, 261, 262(1)(a), 262(1)(b), 262(2), 263(b), 267, 274(a), 275, 276(a), 280(2) u (3), 289, 325(1)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 u l-artikoli 5(1) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Marcus John Calleja, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha wahda il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Daniel Zammit u l-Ispettur Joseph Mercieca ghall-Prosekuzzjoni iddikjaraw li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u minn naha l-ohra il-fedina penali xejn felici tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Marcus John Calleja ghall-piena komplessiva ta' tlett (3) snin prigunerija.

Inoltre il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Marcus John Calleja sabiex fi zmien sentejn (2) millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' tlett elef, sitt mija u seba' u tmenin Euro u wiehed u sebghin centezmi ta' Euro (Euro 3,687.71) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti nominati fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RB1.

Finalment il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jara li l-imputat Marcus John Calleja jkun assistit sabiex dan jeghleb il-problema serja li ghandu ta' abbuz mid-droga u ghal dan il-fini tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------